# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 15 ta' April, 2019

**Rikors Numru : 526/2018 JPG**

**Kawza Numru : 30**

**JV**

**Vs**

**Avukat SM bhala prokuratrici ta' l-imsiefra C sive PV u b'digriet tal-15 ta' April 2019, kunjom l-intimata gie korrett u ghandu jaqra S**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ta' JV, datat 27 ta' Novembru 2018, a fol 1, li taqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewwgu f'Mueang Nakhom Ratchasima gewwa t-Tajlandja, nhar is-16 ta' Dicembru 2011 (Dok.JV1), minn liema zwieg ma kellhomx tfal;*

2. *Illi r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet spiccat de facto iktar minn erba' snin ilu, tant li fis-27 ta' Marzu 2014 il-partijiet ftehmu li l-esponent ihallas lil martu s-somma ta' hamest elef euro (€5,000) bi kwittanza tal-pretensjonijiet kollha taghha rigward komunjoni ta' l-akkwisti u manteniment, u martu appuntat lil Dr SM bhala mandatarja specjali taghha in konnessjoni ma' kull procedura legali necessarja; minn dak iz-zmien 'l hawn ir-ragel kien qed jghix f'Malta u l-mara qed tghix fit-Tajlandja; is-somma pattwita thallset u l-partijiet isseparaw legalment kif jirrizulta mill-kuntratt tas-separazzjoni taghhom (Dok.*

*JV2), u hemm l-ebda possibilita' ta' rikonciljazzjoni bejniethom;*

3. *Illi ghaldaqstant il-partijiet ilhom separati de facto iktar minn erba' snin u tmien xhur, qatt ma kien hemm rikonciljazzjoni, u irrinunzjaw reciprokament ghal kull dritt ghal manteniment, b'mod illi jissussistu r-rekwiziti kollha fil-ligi sabiex tinghata sentenza ta' divorzju;*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment sabiex dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara l-hall ta' l-imsemmi zwieg bejn il-partijiet permezz ta' divorzju, u li jigi nnotifikat b'dan id-Direttur tar-Registru Pubbliku skond il-ligi.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' l-Avukat SM noe, datata 23 ta' Jannar 2018, a fol 9 et seqq., li taqra hekk:

*Li filwaqt illi taghti ruhha b'notifikata bl-avviz tas-smiegh u bl-avviz ta' l-appuntament tal-kawza, tesponi umilment:*

1. *Illi filwaqt illi tikkonferma l-fatti kif iddikjarati fil-kuntratt ta' separazzjoni Dok.JV2 konkluz bejn il-partijiet u tiddikjara li ma hija edotta minn ebda fatt li jista' jwassal sabiex l-esponenti toggezzjona ghat-talba kif proposta, tiddikjara pero li l-imsiefra CV ilha zmien twil ma tikkomunika maghha u li tilfet kull kuntatt maghha, u li ghalhekk tirrizerva li tressaq eccezzjonijiet fil-mertu jekk ikun il-kaz.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**JV** xehed permezz t'affidavit a fol 2, u viva voce a fol 11 *et seqq* u a fol 16 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu fit-Tajlandja fis-16 ta' Dicembru 2011, u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Xehed illi z-zwieg ta' bejn l-partijiet kien sfaxxa peress illi l-intimata riedet li jirrisjedu t-Tajlandja, filwaqt li hu ried jibqa' jghix f'Malta. Xehed li ghalhekk il-partijiet kienu ottjenew s-separazzjoni legali fis-27 ta' Marzu 2014, u huwa kien hallas lill-intimat s-somma ta' hamest'elef ewro (€5,000) bi kwittanza ghall-pretensjonijiet kollha taghha rigward il-komunjoni tal-akkwisti u manteniment. Qal illi l-partijiet ilhom jghixu separatament mir-rebbiegha tal-2014, meta l-intimat marret lura t-Tajlandja, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**Dr. SM,** xehdet a fol 14 *et seqq* illi hija kienet giet mahtura sabiex tagixxi bhala l-mandatarja tal-intimata fil-proceduri ta' separazzjoni personali tal-partijiet. Xehdet illi l-klijent taghha kienet telqet lura lejn it-Tajlandja fl-2014, ftit wara li kienet tatha l-prokura. Qalet illi pendenzi ta' manteniment m'hemmx peress illi l-ftehim ta' bejn il-partijiet kien illi l-klijent taghha tithallas is-somma ta' €5,000 *lump sum* u din is-somma kienet effettivament thallset mir-rikorrent.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.[...]***
>
> ***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti***

***tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi wara z-zwieg taghhom tas-16 ta' Dicembru 2011 (vide Dok JV1 certifikat taz-zwieg a fol 3), l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 17 ta' Settembru 2018 fl-atti tan-Nutar Dr James Grech (vide Dok JV2 a fol 4 et seqq.). Jirrizulta illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin, u jirrizulta illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk il-Qorti tqis illi r-rikorrent irnexxilu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi

sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**L-ispejjez ghandhom jibqu' minghajr taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**